# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 32**

**Rikors maħluf numru 325/2013 JA**

**Emanuel Abela**

***v.***

**Pierre Chircop, Rose Farrugia, Anthony Abela, Carmelo Abela, Grace Chircop, Maria Dolores Fava, Maria Fonzina Bartolo u b'digriet tad-9 ta' Mejju 2013 Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Noel Scerri ġew nominati bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Josephine Borg u b'digriet tal-15 ta Mejju 2015 Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar ġew nominati bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Anthony Abela**

1. Dan huwa appell tal-attur Emanuel Abela minn dikriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Lulju 2014 li ċaħad talba tal-attur

għal korrezzjoni fir-rikors maħluf li bih infetħet il-kawża. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Fir-rikors li bih fetaħ din il-kawża tallum l-attur, wara li fisser illi l-ġenituri tiegħu miżżewġin Abela fit-testment tagħhom ma ħatruhx mal-konvenuti bħala werriet tagħhom, talab illi l-qorti:

   »i) prevja dikjarazzjoni illi l-attur għandu dritt jipprevali [*sic*] s-sehem riżervat mill-eredità tal-istess konjuġi Abela, tillikwida l-assi tal-eredità ta' Geraldo Abela u Rożina Abela;

   »ii) tillikwida konsegwentement dak li huwa dovut bħala s-sehem riżervat lill-attur mill-assi ereditarju tal-ġenituri tieghu Geraldo Abela u Rożina Abela, u dan, okkorrendo, bl-opra ta' periti nominandi;

   »iii) tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-sehem riżervat hekk likwidat favur tiegħu.«

3. Il-konvenuta Maria Dolores *sive* Doris Fava ressqet din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

   »… … … l-azzjoni kif proposta mill-attur hija improponibbli u għalhekk it-talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. L-attur qed jitlob il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat u l-ħlas tal-istess. Tali azzjoni ma tistax tintalab fil-konfront ta' suċċessjonijiet li seħħu qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XVIII tas-sena 2004.«

4. L-Att XVIII tal-2004 kien għamel tibdiliet fl-istitut tal-leġittima, *inter alia* billi bidel l-isem minn "leġittima" għal "sehem riżervat" u qies il-jedd għas-sehem riżervat bħala kreditu għall-valur tiegħu.

5. Il-konvenuti l-oħrajn ukoll ressqu eċċezzjoni li effettivament tgħid l-istess.

6. B'rikors tal-24 ta' Lulju 2013 l-attur talab korrezzjoni fit-talbiet billi kull fejn jidhru l-kelmiet "sehem riżervat" flokhom tidħol il-kelma "leġittima". Dan ir-rikors ġie miċħud b'dikriet tas-16 ta' Ottubru 2013 "peress li hu evidenti li l-korrezzjoni tagħti lok għal bdil fis-sustanza

tat-talbiet". Jidher illi r-rikors reġa' ġie miċħud b'dikriet ieħor mogħti fis-27 ta' Jannar 2014.

7. B'rikors tat-28 ta' Jannar 2014 l-attur reġa' talab korrezzjoni fit-talbiet biex jiġu hekk:

> »i) prevja dikjarazzjoni illi l-attur għandu dritt jipprevali [*sic*] mil-leġittima *ossia* s-sehem riżervat mill-eredità tal-istess konjuġi Abela, tillikwida l-assi tal-eredità ta' Geraldo Abela u Rożina Abela;
>
> »ii) tillikwida konsegwentement dak li huwa dovut bħala leġittima *ossia* s-sehem riżervat lill-attur mill-assi ereditarju tal-ġenituri tieghu Geraldo Abela u Rożina Abela, u dan, okkorrendo, bl-opra ta' periti nominandi;
>
> »iii) tikkundanna lill-konvenuti jassenjaw lill-attur il-leġittima hekk likwidata u spettanti lilu skond il-liġi, okkorrendo bin-nomina ta' nutar pubbliku biex jippubblika l-att relativ u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċja [*sic*].«

8. Il-konvenuti opponew għat-talba u l-ewwel qorti, bid-dikriet tad-9 ta' Lulju 2014 li minnu sar dan l-appell, reġgħet ċaħdet it-talba "peress li t-talbiet tar-rikorrenti jinċidu fuq l-eċċezzjonijiet ġà preżentati mill-konvenuti".

9. Wara li ngħata fakoltà jagħmel hekk kif igħid u jrid l-art. 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-attur appella mid-dikriet b'rikors tas-7 ta' Novembru 2014. L-aggravju fissru hekk:

> »Illi l-appellant jikkontendi li t-talba hekk kif magħmula għal korrezzjoni, a tenur tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tipproduċi l-ebda tibdil sostanzjali fl-azzjoni odjerna. Is-sustanza tal-azzjoni tibqa' l-istess.
>
> »Illi … … … dak li jrid l-artikolu 175 tal-Kap. 12 huwa li ma jistax isir tibdil li b'xi mod ibiddel l-azzjoni jew jolqot u jippreġudika l-eċċezzjonijiet fil-mertu ta' xi intimat fil-kawża. Kellu jirriżulta kjarament … … … li dawn iż-żewġ rekwiżiti kienu sejrin jiġu sodisfatti.«

10. Għall-appell wieġbet il-konvenuta Maria Alfonsina Bartolo, fit-18 ta' Novembru 2014, u l-konvenuta Maria Dolores Fava fis-7 ta' Jannar 2015. It-tnejn ressqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi ma setax isir appell

mid-dikriet tad-9 ta' Lulju 2014. Il-konvenuta Bartolo qalet illi ma setax isir dan l-appell għax l-attur ma kienx appella mid-dikriet tas-16 ta' Ottubru 2013 (li bih kienet miċħuda t-talba tal-attur l-ewwel darba li saret), u għahekk dak id-dikriet għadu u jibqa' fis-seħħ. Il-konvenuta Fava qalet illi r-rikors tat-28 ta' Jannar 2014 (li bih it-talba saret għat-tieni darba) huwa identiku "fis-sustanza" għal dak tal-24 ta' Lulju 2013 (li bih it-talba kienet saret għall-ewwel darba u li kien miċħud bid-dikriet tas-16 ta' Ottubru 2013), ħlief illi ntalbu aktar tibdiliet fir-rikors maħluf, u għalhekk effettivament ir-rikors tat-28 ta' Jannar 2014 kien talba "għar-revoka jew emenda" tad-dikriet tas-16 ta' Ottubru 2013; appell mid-dikriet tad-9 ta' Lulju 2014 (l-appell tallum) huwa għalhekk appell minn "dikriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew emenda ta' dikriet" li, taħt l-art. 229(1)(*k*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jista' jsir biss "wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza".

11. Dan huwa minnu. Il-fatt illi fit-tieni rikors (dak miċħud bid-dikriet li minnu sar l-appell tallum) saret talba għal aktar korrezzjonijiet – talba għal bidla minn "sehem riżervat" għal "leġittima" fl-ewwel rikors u l-istess talba flimkien ma' talba għal bidla minn "ħlas" għal "assenjazz-joni" fit-tieni rikors – ma jbiddilx il-fatt li effettivament qiegħda tintalab revoka tal-ewwel dikriet. Kien forsi jkun mod ieħor li kieku ż-żjieda fit-talba kienet tagħmel xi differenza għar-raġuni għala ġie miċħud l-ewwel rikors, iżda r-raġuni ma kinitx li kien hemm xi talba nieqsa fl-

ewwel rikors iżda illi t-tibdiliet mitluba kienu jolqtu l-eċċezzjonijiet ġà magħmula.

12. Għandhom raġun għalhekk il-konvenuti jgħidu illi l-appell mid-dikriet tad-9 ta’ Lulju 2014 ma setax isir qabel ma tkun ingħatat is-sentenza definittiva mill-ewwel qorti u flimkien ma’ appell minn dik is-sentenza.

13. Billi għalhekk l-appell ma jiswiex il-qorti ma tqisux aktar, bla ħsara, naturalment, għall-meritu jekk l-appell jerġa’ jsir kif u meta jrid l-art. 229(1)(*k*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

14. L-ispejjeż ta’ dan l-episodju jħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df